5 ta' Ottubru, 1954

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Joseph Caruana pr. *et ne.* *versus* Silvio Mifsud ne.

**Konsenja tal-Merkanzija — Preskrizzjoni — Impediment ta' Safar — Interruzzjoni — Art. 2235 (1) tal-Kodiċi Ċivili — Art. 636 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-konsenja ta' merkanzija li kellha tiġi minn barra hija dik ta' sena, li tibda tiddekorri minn dak in-nhar li jasal il-bastiment.*

*Mandat ta' impediment ta' safar tal-kaptan jew tal-bastiment għandu l-virtù li jinterrompi dik il-preskrizzjoni, jekk jiġi notifikat lid-debitur qabel l-egħluq ta' xahar miż-żmien tagħha, u aktar u aktar jekk jiġi notifikat lid-debitur meta jkun għadu miexi dak iż-żmien.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi huwa, in segwitu għall-kuntratt ta' noleġġ magħmul bejn il-kontendenti, kien ikkonsenja lill-imsemmi Salvatore Castagnino 104,613 il-kilo rottam ta' ħadid, biex l-istess Castagnino jittrasportahom minn Malta għal Genova, Italja, liema merċi, qabel il-konsenja, ġiet miżuna taħt is-sorveljanza tal-"General Superintendence Company Limited"; u fil-mument tal-konsenja l-istess Castagni-

-ho aċċetta l-piż, u anzi ikkonfermah, kif jirriżulta mill-polza tal-kariku minnu rilaxxjata fil-31 ta' Marzu 1953, fil-mument illi l-istess *rottam ta' ħadid ġie mbarkat fuq il-motoveljer* "Agata C." (dok. A u B); u li meta l-istess rottam ġie mill-imsemmi Castagnino konsenjat f'Genova, u hemm miżun, ir-riżulta nuqqas ta' 7,563 kilo, liema nuqqas avvera ruħu waqt li l-merċi kienet fil-poter ta' l-imsemmi Castagnino, u għal-hekk l-istess Castagnino huwa responsabbli ta' dak in-nuqqas; u li minħabba f'dan in-nuqqas huwa (l-attur) sofra danni ta' £153. 16. 5, ekwivalenti għall-prezz li bih ġie mibjugħ dak ir-rottam (dok. D), liema prezz, minħabba n-nuqqas tal-konsenja, ma ġiex *riskoss; talab, previa d-dikjarazzjoni* li l-konvenut nomine għandu jiġi ritenut responsabbli tal-mankanza ta' 7,563 kilo rottam tal-ħadid fil-konsenja minnu magħmula minn fuq il-motoveljer "Agata C." fil-port ta' Genova, li hu kien irċieva minn għandu (minn għand l-attur) f'Malta, skond il-polza fuq riferita, fejn kien speċifikat, u mill-imsemmi Castagnino konfermat, il-piż illi l-istess Castagnino kien qiegħed jirċievi, u li minħabba din il-mankanza huwa (l-attur) sofra danni, l-istess konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilu, *in linea ta' danni, u per saldu ta' dawk id-danni, is-somma* ta' £153. 16. 5, ekwivalenti għall-prezz tal-bejgħ ta' l-istess merċi li ma ġietx konsenjata u li minnu (mill-attur) ma setax jiġi riċevut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk taż-żewġ mandati ta' impediment tal-partenza, wieħed tal-persuna u l-ieħor tal-bastiment, tat-12 ta' Awissu 1953, u bl-imgħaxijiet kummerċjali mian din id-data;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi l-preskrizzjoni invokata mill-konvenut nomine hija* dik kontemplata fl-art. 636 (1) tal-Kodiċi Kummerċjali, li twaqqa' kull azzjoni għall-konsenja ta' merkanzija wara sena minn dak in-nhar li jasal il-bastiment;

Illi l-attur issottometta, fewwelnett, illi dik il-preskrizzjoni mhix applikabili; għar-raġuni illi huwa ma eżerċitax l-azzjoni għall-konsenja tal-merkanzija, imma dik għar-riżarċiment tad-danni lilu derivanti minħabba n-nuqqas tal-konsenja ta' dik l-istess merkanzija; u mbagħad illi, anki fil-każ li

din il-preskrizzjoni kienet applikabili, l-istess giet interrotta permezz tal-mandati fuq riferiti;

Ikkunsidrat;

Illi gustament l-attur jaħseb illi l-mandati fuq imsemmijin interrompew il-kors ta' l-imsemmija preskrizzjoni. U difatti, il-bastiment wasal Genova fis-17 ta' April 1953 (fol. 7), u fit-12 ta' Awissu l-attur ottjena l-ispedizzjoni kontra l-kaptan Castagnino tal-mandat ta' l-impediment ta' partenza fuq riferit, u fl-istess jum ottjena l-ispedizzjoni ta' mandat ta' impediment tal-partenza tal-bastiment. Dawk il-mandati ġew sospiżi peress li, kif xehed l-attur (fol. 14), fl-intervall bejn il-preparazzjoni ta' l-attijiet relativi u l-ispedizzjoni tal-mandati u l-ħin meta l-marixxall wasal biex jeżegwihom, l-imsemmi kaptan Castagnino telaq mill-port ta' Malta bil-bastiment tiegħu. L-istess mandati però ġew in segwitu eżegwiti u notifikati lid-debitur fit-12 ta' April 1954 (Vol. Mandati Kumm. 1954, 6). Għaldaqstant dawk il-mandati kellhom il-virtù li jinterrompu l-preskrizzjoni, billi ġew notifikati lid-debitur mhux biss qabel l-għeluq ta' xahar mill-aħħar jum taż-żmien tagħha, imma meta kien għadu qiegħed jiddekorri dak iż-żmien (art. 2235 (1) Kodiċi Ċivili);

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine; u tordna li l-kawża tiġi trattata fil-meritu.